Għajnsielem

**MINUTI – LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**IT-TMIEN KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 22 – L-Erbgħa 28 ta' Diċembru 2016**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fl-3:00pm.

| Preżenti: | | |
|---|---|---|
| | Franco Ciangura | Sindku |
| | Kevin Cauchi | Viċi Sindku |
| | Larry Buttiġieġ | Kunsillier |
| | Peter Caruana | Kunsillier |
| | Kareen Xuereb | Kunsilliera |
| | Lucienne Haber | Segretarju Eżekuttiv |
| | Giuseppi Attard | Ambaxxatur |

1.0 Il-laqgħa nbdiet b'talba u ġiet preseduta mis-Sindku Franco Ciangura.

2.0 Inqraw il-Minuti u gew ikkonfermati.

## 3.0 Il-Miġja tal-Maġi

3.1 Is-Sindku rrefera għal-Get together tal-Milied li l-Kunsill u l-istaff għamel il-ġurnata ta' qabel a spejjes tagħhom. Huwa faħħar din l-inzjattiva u li għandha terġa tiġi repetuta.

3.2 Is-Sindku rrefera għal mawra f'Tolfa b'konnessjoni mal-Miġja tal-Maġi bl-involviment ta' tlett Kunsilli oħra Għawdxin, Qala, Għarb u Żebbuġ li ser issir bejn it-3 u s-6 ta' Jannar 2017. Ser issir żjara lil kull lokalita' li għanda patt ta' ħbiberija ma' dawn il-lokalitajiet. Il-Miġja tal-Maġi 2017 ser titlaq minn Greccio lejn Malta. Bħala akkomodazzjoni taż-żjara ser tkun f'Tolfa għall-parteċipanti ta' Għajnsielem u Ministeru għal Għawdex, u l-lokalitajiet l-oħra jridu jaħsbu għalihom fil-lokalitajiet rispettivi tagħhom.

3.3 Bħala programm sar qbil li fit-3 ta' Jannar issir żjara lill-Tolfa, fl-4 ta' Jannar issir żjara lill-komunitajiet ta' Canale Montenaro, Lanuvio u San Polo dei Cavalieri. Fil-5 ta' Jannar ser issir żjara lil-lokal ta' Greccio fejn sar l-ewwel presepju minn San Frangisk t'Assisi u wara ssir żjara f'Assisi. Fis-6 ta' Jannar issir żjara fil-belt

ta' Ruma u tluq lejn Malta. Is-Sindku semma' li sabiex isiru dawn iż-żjarjar ser tiġi bbukjata *coach* li tkun mal-grupp il-ħin kollu. Sar qbil li l-ispiża tat-trasport għandu jinqasam bejn l-erba' Kunsilli u wkoll mal-Ministeru għal Għawdex.

3.4 Sar qbil li bhala membri tal-Kunsill li ser jakkumpanjaw id-delegazzjoni ser ikun hemm is-Sindku Franco Ciangura, il-Viċi Sindku Kevin Cauchi u l-kunsillier Larry Buttigieg.

3.5 Sar qbil li għandu jiġi bbukjat trasport miċ-Ċirkewwa lejn l-*airport* u lura. Sar qbil ukoll li għandha tinżamm laqgħa għad-delegati kollha tad-delegazzjoni nhar is-Sibt 31 ta' Diċembru fid-9:00 ta' filgħodu.

3.6 Sar qbil ukoll li għandna nieħdu xi tifkira tal-okkażżjoni lil kull lokalita' li ser inżuru.

3.7 Il-Kunsill tellgħa bix-xorti isem ta' voluntier li jaħdem ta' spiss voluntarjament f'Bethlehem f'Għajnsielem. L-isem li telgħa kien ta' dak ta' Mark Cupple.

**4.0 Għażla tal-istima tad-Dawl tal-Milied.**

4.1 Saret referenza ghal-laqgħa adhoc li saret sabiex tigi approvata l-istima tat-tizjin tal-Milied. Il-laqgħa saret nhar it-28 ta' Novembru 2016.

4.2 L-istimi mitfugħa kienu minghand:-

- Chris Gauci - €2410 ex VAT
- D Illuminiation- €2930 ex VAT

4.3 Il-Bord tal-għażla kien kompost mis-Sindku Franco Ciangura, Is-Segretarju Lucienne Haber u s-Sur Joseph Ciantar. Huwa rrakkomanda li tintagħżel l-offerta ta' D Illumination peress li kienet l-offerta li minkejja li hi l-għola waħda, kienet tilħaq il-kriterji (tender specifications) mitluba mill-Kunsill. Il-Kunsill għalhekk qabel mar-rapport tal-Bord u li jagħżel l-istima provduta mingħand D Illuminations għal prezz ta' €2930 mingħajr il-VAT.

Il-laqgħa ntemmet fil-5:00 ta' filgħaxija.

**Franco Ciangura**
**Sindku**

**Lucienne Haber**
**Segretarju Ezekuttiv**